MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1933/2002

**Joseph Borg**

**Vs**

**Nazzareno Micallef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1185 (elf mija u hamsa u tmenin lira Maltin) kera ta' garage u danni ikkagunati fil-bieb ta' l-istess garage.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenut huwa debituri ta' l-attur fis-somma komplessiva ta' elf mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm1185.00).

Illi dan l-ammont jirraprezenta:

a. in kwantu ghal disa` mija u disghin Liri Maltin (Lm990) kera fuq il-fond, garage bin-numru disa` (9) f'Borg Drive, Ganu Street, B'Kara, li kien mikri minn ghand l-attur lill-konvenut bir-rata ta' Lm220 fis-sena u liema kera ma thallsitx fis-snin 1998, 1999, 2000, 2001 u nofs 2002 sakemm giet ikkonsenjata lura ic-cavetta da parti tal-konvenut fil-11 ta' Lulju 2002 wara proceduri legali ghal zgumbrament.
b. U in kwantu ghal mija u hamsa u disghin Liri Maltin (Lm195) rapprezentanti l-prezz ta' bieb gdid tal-garage hawn fuq imsemmi wara li saret hsara irrimedjabbli fil-bieb ta' barra fil-perjodu meta l-istess fond kien fil-pussess tal-konvenut, u allura ghall-liema hsara u konsegwenzjali danni, il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jirrifondi dan l-ammont izda baqa` dejjem inadempjenti.

Illi ghaldaqstant kellhom isiru dawn l-odjerni proceduri sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf mija u hamsa u tmenin Liri Maltin (Lm1185), u dan jekk hemm bzonn wara illi ssir id-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-hsarat u d-danni li jirrizultaw.

Bl-ispejjes kollha tal-prezenti u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenut ma ghandu jhallas xejn lill-attur peress li a. ghal dak li jirrigwarda l-kera li qieghed jippretendi, kien hemm arrangjament bejn il-kontendenti li in kontrakambju tal-kera il-konvenut kellu jezegwixxi diversi xogholijiet ghan-nom tal-attur, liema xogholijiet fil-fatt saru, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u b. ghal dak li jirrigwarda l-bieb tal-garage, il-hsara fil-bieb tal-garage li qieghed jilmenta minnha l-attur zgur li ma gietx kawzata mill-konvenut, u apparti minn hekk l-attur naqas li josserva l-obbligazzjonijiet tieghu qua sid li jzomm il-bieb fi stat tajjeb ta' riparazzjoni, u bhala konsegwenza ta' dan dan

jista` jaghti l-kaz li l-attur kellu jidhol fi spiza ghat-tiswija tal-bieb wara li gie kkonsenjat il-pussess tal-garage lura lilu.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kawza attrici tikkoncerna talba ghal hlas ta' kera ta' fond li kien mikri lil konvenut li sussegwentement gie moghti lura lis-sid, l-odjern attur. Il-perjodu jikkoncerna z-zmien li kellhom proceduri gudizzjarji quddiem il-Bord tal-Kera ghal zgumbrament. Il-kera ma gietx depozitata (vide xhieda fis-seduta tal-20/01/03) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001 u nofs 2002 in vista tal-istess proceduri.

Da parti tieghu, il-konvenut jallega li ma ghandhu jaghti xejn billi l-kera giet pacuta ma` xoghol li kien jaghmel lill-istess attur. Pero' kif sostna tajjeb l-attur, l-istess xoghol kien sar ferm qabel dan il-perjodu (vide affidavit a Fol 17-18). Anki jekk wiehed jara x-xhieda tal-konvenut (seduta 6/4/04 – Fol 41-43) u tat-tfal tieghu, Franco Micallef u Sergio Micallef (li xehdu fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2004 a Fol 46-49) huma jaqblu li l-istess xoghol sar ferm qabel dan il-perjodu. Dawn jallegaw tpacija bejn ix-xoghol u kera, anzi li kellhom jaghmlu l-kontijiet kien jirrizulta debitur tal-konvenut.

Il-Kap 16 fl-Art 1196 – 1204 jirregola l-istitut tat-tpacija. Min jallegah irid jipprovah, inkluz li jkun jikkoncerna ammont ta' flus likwidu dovut u cert esigwibbli. Ma gewx prezentati l-ebda kontijiet da parti tal-konvenut ingariganti l-istess. Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet, u Philip Grima vs Carmelo Mamo et, u min jissolleva l-eccezzjoni tat-tpacija, irid jissostanzja ai termini tal-ligi. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut naqas li jesegwixxi dana l-oneru.

Mhux hekk biss izda hemm qbil fuq il-perjodu tal-ammont dovut. Huwa zgur li f'dawn l-4 ½ snin, il-konvenut la hadem xoghol lill-attur u wisq anqas l-attur wisq ordna ix-xoghol minghand il-konvenut. Kien iz-zmien tal-kawza precedenti bejniethom ghall-izgumbrament. Fix-xhieda

taghhom, sia l-konvenuti u sia uliedu kkonfermaw li x-xoghol kien hemm qabel dan il-perjodu. Relattivament ghall-ispiza tal-bieb, hija lluminanti ix-xhieda tal-konvenut a Fol. 42. Huwa jaf min ghamel il-hsara u seta jew jinforma mill-ewwel is-sid jew inkella jfittex huwa personalment lis-sewwieq tal-mutur. Irrangah kif seta sabiex ikun jista jinqeda bih. Pero' dana mhux a skapitu tas-sid l-odjern attur. Il-ghazla li ghamel li ma jfittix is-sewwieq tal-mutur kienet decizjoni ngenerali tieghu. Kien fl-obbligu li jinforma is-sid. Dana ma ghamlux ghar-ragunijiet tieghu. Fil-konfront tal-attur, huwa ghandhu jbati l-konsegwenzi tal-agir tieghu.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm1185 bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------